MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Referenza Kostituzzjonali Numru. 42/2007

**Fl-atti tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti Istruttorja**
**fl-ismijiet**
**Il-Pulizja**
**(Spettur George Cremona)**

vs

**Pauline Vella**

Il-Qorti:

Din hija Referenza Kostituzzjonali mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Il-fatti li waslu ghar-referenza sehhew hekk :

Pauline Vella tressqet b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati mixlija illi ghamlet reati kriminali. B'digriet moghti fl-14 ta' Ottubru 2005 kienet inghatat helsien mill-arrest sa kemm ikunu ghaddejjin il-proceduri.

Illi b'digriet tal-11 ta' Novembru, 2005 il-Qorti tal-Magistrati, wara illi rat illi l-partijiet ma kienux qeghdin joggezzjonaw, hatret lil Dr David Cassar bhala Perit Psikjatru flimkien ma Dr Ethel Felice u hattret ukoll social worker certa Sandra Micallef u dana sabiex jassistu lill-imputata Pauline Vella.

Illi b'digriet tal-24 ta' Frar, 2006 il-Qorti tal-Magistrati, wara li semghet ix-xhieda ta' Dr David Cassar u ta' Dr Ethel Felice u rat il-konkluzzjoni tar-rapport peritali redatt konguntivament minn Dr David Cassar u Dr Ethel Felice, rat l-ahhar paragrafu f'pagna 6 u 7 ta' l-istess rapport, minn fejn irrizulta illi l-imputata Pauline Vella kellha tibqa taht kura psikjatrika, u ordnat ai termini tal-Artikoli 42 u 43 tal-Kap. 262 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-istess Pauline Vella tibqa tattendi b'mod regolari ghall-kura bhala outpatient fl-isptar Monte Carmeli taht dawk id-direttivi kollha lilha moghtija minn Dr David Cassar u Dr Ethel Felice jew kwalunkwe psikjatra iehor addett mal-istess sptar. Il-Qorti peress illi irrizultalha illi l-isptar San Luqa huwa estensjoni ta' l-isptar Monte Carmeli awtorizzat lil Pauline Vella li tircievi din il-kura anke gewwa l-isptar San Luqa.

Illi b'digriet tal-5 ta' April, 2006 il-Qorti tal-Magistrati wara li rat in-nota tar-rinviju ta' l-Avukat General ital-20 ta' Marzu, 2006, rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar 2006 u regghet ikkonfermat id-digriet tal-24 ta' Frar, 2006 wara li rat l-Artikolu 402 (4) u 623 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 42 tal-Kap. 262 tal-Ligijiet ta' Malta, u irrilevat illi harsa lejn il-konkluzzjonijiet peritali jindikaw b'mod car l-istat mentali ta' l-akkuzata anke, izjed u izjed fiz-zmien ta' l-allegat reat u ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 42 tal-Kap. 262 ordnat illi Pauline Vella tibqa tircievi dik l-outpatient treatment necessarja mit-tobba psikjatrici kif deskritt fix-xiehda tat-tobba.

Illi l-avukat generali permezz ta’ nota tas-26 ta’ April tal-2006 talab lill-Qorti tal-Magistrati sabiex jogghobha, stante li huwa jaqbel mal-konkluzzjonijiet tal-periti psikjatrici, tmexxi skond l-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali.

Illi permezz ta’ nota ta’ rinviju ta’ l-1 ta’ Awissu 2006, l-Avukat Generali talab lill-Qorti sabiex tipprocedi skond il-Ligi minghajr ma terga tirrinvija l-atti lura lilu.

Illi waqt is-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2006 l-avukati difensuri tal-imputata irrilevaw : “illi f’dan il-kaz gie rilevat mill-esperti psikjatrici illi fil-mument tar-reat allegat l-akkuzata ma kienitx kapaci di intendere e volere. Nel frattemp l-akkuzata giet moghtija kura go darha u illum il-gurnata tinsab stabbli.

Illi f’dan l-istadju ghalhekk Mount Carmel mhux il-post ideali ghall-akkuzata, izda ikun ta’ detriment ghas-sahha taghha.

Illi dato li il-ligi ma tipprovdix ghal sitwazzjoni tali fis-sens illi tipprovdi biss li bniedem jekk gie dikjarat mignun fil-hin tar-reat ghandu jmur biss Mount Carmel anke jekk issa ma ghadux mignun l-options illi ghandha id-difiza huma tlieta :

(1) Titlob differment sa kemm forsi il-Ligi li ilha tali minn 1959 fl-Ingilterra u giet addottata fl-1976 illi fil-mument hemm pressjoni kbira biex tigi emendata u ilu qed isir xohgol fuq dan ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin forsi tigi emendata nel frattemp.
(2) Taghmel petizzjoni lil President fejn titlob lill-Eccellenza Tieghu jiehu in konsiderazzjoni dan l-istat ta’ fatt u jipprovdi li l-akkuzata ma jkollhiex bzonn tissottometti ruhha ghal xhur shah Mount Carmel liema soggorn mhux indikat fil-kaz in ezami.
(3) Titlob lil din l-Onorabbli Qorti taghmel referenza kostituzzjonali peress li l-ligi kif inhi jekk applikata fuq xi hadd bhall-akkuzata li illum hija stabbli ghalkemm fiz-zmien tar-reat ma kienitx kapaci li tifforma mens rea hija inuman u degradanti kif ukoll ma jkunx qed jaghmel

gustizzja kif tezigi l-Kostituzzjoni ma l-akkuzata peress li tkun qed tigi punita ghal xi haga li mhix hatja taghha.

Illi l-Qorti laqghet it-talba tad-difiza u minhabba pressjoni ta' xoghol tal-Periti Psikjatrici iddifferiet il-kawza ghat-12 ta' Jannar 2007.

Illi b'digriet tal-11 ta' Lulju 2007 il-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Istruttorja laqghet it-talba tad-difiza ghar-referenza kostituzzjonali bil-mistoqsija jekk inkisirx id-dritt kostituzzjonali ta' Pauline Vella ghall-liberta personali taghha ai termini tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta jekk il-Qorti tapplika l-Artikolu 43 tal-Kapitolu 262 tal-Ligiijiet ta' Malta.

Illi d-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi jghodd ghall-kaz tal-lum huwa dak ta' l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jghid hekk :

34 (1) Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-libertà personali tieghu hlief kif jista' jkun awtorizzat b'ligi fil-kazijiet li gejjin, jigifieri -
"(*a*) bhala konsegwenza ta' l-inkapacità tieghu li jwiegeb ghal akkuza kriminali.

Illi l-paragrafu (i) ta' l-istess Artikolu jghid kif gej :
(i) fil-kaz ta' persuna li tkun, jew tkun ragonevolment suspetta li tkun, ta' mohh marid, moghtija ghan-narkotici jew xorb, jew vagabonda, ghall-iskop tal-kura jew trattament taghha jew protezzjoni tal-komunita."

Illi l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jghid kif gej :
"36 (1) Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti.
(2) Ebda haga li hemm fi jew maghmula skond l-awtorità ta' xi ligi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-ligi in kwistjoni tawtorizza l-ghoti ta'

xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-gurnata stabbilita."

Illi l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa kwazi identiku ghall-Artikolu 5 ta' L-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk :

(1) "Kullhadd ghandu d-dritt ghall-liberta u ghas-sigura tal-persuna.

Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-liberta tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi :
(a) id-detenzjoni skond il-ligi ta' persuna wara li tinsab hatja minn Qorti kompetenti." u b'referenza ghall-kaz odjern il-paragrafu (e) li jghid hekk :
"Id-detenzjoni skond il-ligi ta' persuni biex jigi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom, addetti ghall-alkohol jew ghad-drogi, jew vagabondi."

Illi l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa rispekkjat fl-Artikolu 3 ta' l-ewwel skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk :
"Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti."

Illi l-avukati difensuri ta' l-imputata jikkontendu illi l-Artikoli 42 u 43 tal-Kapitolu 262 tal-Ligijiet ta' Malta jiksru id-drittijiet fundamentali tal-imputata kif imharsa bl-Artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 262 tal-Ligijiet ta' Malta jghid kif gej :
"42. (1) Meta waqt xi procedimenti fuq akkuza ta' reat kriminali titqanqal il-kwistjoni ta' genn ta' l-akkuzat, sew jekk waqt ir-reat jew waqt il-procedimenti, il-qorti tista', jekk tkun tal-fehma li hekk ikun mehtieg jew spedjenti li taghmel, tordna li l-akkuzat jittiehed fi sptar ghall-osservazzjoni, u tista' wkoll taghti dawk id-direttivi l-ohra li jidhrilha xierqa.
(2) Meta jinghata ordni kif provdut fis-subartikolu (1), iz-zmien tat-tizmim ta' l-akkuzat jigi regolat mill-qorti li tkun

tat l-ordni, u dak l-ordni jkun awtorità bizzejjed ghat-tizmim ta’ l-akkuzat fi sptar ghaz-zmien moghti mill-Qorti.
(3) Ghall-finijiet ta’ dan l-artikolu, il-frazi "reat kriminali" tinkludi kull reat militari taht l-Att dwar il-Forzi Armati ta’ Malta.”

Illi l-Artikolu 43 tal-Kapitolu 262 jghid hekk :
“43. (1) Meta jkun inghata ordni minn qorti ta’ gurisdizzjoni kriminali skond l-artikolu 402(4), jew l-artikolu 525(3) jew ta’ l-artikolu 623 tal-Kodici Kriminali jew minn Qorti Marzjali skond l-artikolu 122 ta’ l-Att dwar il-Forzi Armati ta’ Malta, meta jinstab li l-akkuzat kien mignun fil-hin tar-reat, sew jekk ikun mignun fil-hin tal-procedimenti kriminali sew jekk le, jew minn xi qorti ohra skond xi disposizzjoni ohra tal-ligi ghal ragunijiet bhal dawn, li jordna li l-akkuzat ghandu jinzamm f’kustodja fi sptar, l-akkuzat ghandu jigi trasportat, jigi mizmum u jitqieghed f’kustodja f’dak l-isptar bis-sahha ta’ l-ordni tal-qorti u ghandu jitqies bhallikieku kien pazjent suggett li jigi mizmum fi sptar taht it-Taqsima III ta’ dan l-Att, izda d-disposizzjonijiet ta’ dik it-Taqsima ta’ dan l-Att ghandhom japplikaw dwar kull persuna bhal dik suggetti ghal restrizzjonijiet specjali u disposizzjonijiet ohra ta’ dan l-artikolu.
(2) Ir-restrizzjonijiet specjali u d-disposizzjonijiet l-ohra msemmija fis-subartikolu (1) huma:
(*a*) ebda wahda mid-disposizzjonijiet tat-Taqsima III ta’ dan l-Att dwar id-dewmien, it-tigdid u t-temm ta’ awtorità ghal tizmim ta’ pazjent ma ghandha tapplika, u l-pazjent jibqa’ suggett li jigi mizmum bis-sahha ta’ l-ordni tal-qorti sakemm jigi mehlus skond id-disposizzjonijiet li gejjin ta’ dan l-artikolu;
(*b*) ma tista’ ssir ebda applikazzjoni jew jintbaghat xi haga lit-Tribunal ta’ Revizjoni dwar Sahha Mentali dwar il-pazjent skond xi disposizzjoni ta’ l-imsemmija Taqsima III, u l-kaz tal-pazjent jista’ jigi ezaminat biss minn dak it-Tribunal jekk il-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jibghat il-kaz lilhom ghall-parir;
(c) is-setghat li gejjin, jigifieri -
(i) is-setgha li jinghata permess ghal nuqqas lill-pazjent skond l-artikolu 24;
(ii) is-setgha li l-pazjent jigi trasferit skond ir-regolamenti maghmula taht l-artikolu 27;

(iii) u s-setgha li jigi ordnat il-helsien tal-pazjent skond l-artikolu 28,

jistghu jigu ezercitati biss mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja wara dik il-konsultazzjoni mat-tabib responsabbli u l-*manager* ta’ l-isptar kif jidhirlu xieraq u, jekk il-kaz jintbaghat minnu lit-Tribunal, wara li jircievi l-parir tat-Tribunal, u meta jinghata permess ghal nuqqas kif intqal qabel skond l-artikolu 24 is-setgha li jissejjah lura dak il-pazjent taht dak l-artikolu tkun vestita fl-imsemmi Ministru, kif ukoll fit-tabib responsabbli; u
(*d*) is-setgha tal-Ministru responsabbli ghall-gustizzja biex jissejjah lura l-pazjent taht l-imsemmi artikolu 24 u s-setgha li jiehu lil dak il-pazjent f’kustodja u jibghatu lura taht l-artikolu 25 tista’ tigi ezercitata f’kull zmien;
u dwar kull pazjent bhal dak, id-disposizzjonijiet tat-Taqsima III ta’ dan l-Att ghandhom, skond kif jehtieg il-kaz, jew ma japplikawx jew ikollhom effett suggetti ghal dawk l-eccezzjonijiet u l-modifiki li jkunu mehtiega biex isehhu id-disposizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-artikolu.
(3) Bla hsara ghall-generalità tad-disposizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, dwar persuna suggetta li tigi mizmuma bis-sahha ta’ ordni ta’ qorti kif imsemmi fis-subartikolu (1) -
(*a*) l-artikoli 14, 15, 16, 17, 21, 23, 26, 29, 30, 31, 32, 33, 35 u 37 ma ghandhomx japplikaw; u
(*b*) fid-disposizzjonijiet l-ohra tat-Taqsima III ta’ dan l-Att-
(i) riferenzi ghall-Ministru responsabbli ghall-gustizzja ghandhom jigu sostitwiti minflok, jew mizjuda ma’, riferenzi ghal persuni jew awtoritajiet vestiti b’setghat li huma maghmula ezecitabbli mill-imsemmi Ministru b’dan l-artikolu;
u
(ii) riferenzi ghall-ordni tal-qorti li bis-sahha tieghu l-pazjent ikun suggett li jigi mizmum ghandhom jigu sostitwiti minflok riferenzi ghal atti ohra li bis-sahha taghhom pazjent ikun suggett li jigi mizmum taht it-Taqsima III ta’ dan l-Att.
(4) Meta l-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jkun ghamel ordni li bih jehles lill-pazjent, dak il-pazjent minn dak il-hin ma jibqax suggett li jinzamm f’kustodja jew li jinzamm fi sptar.

(5) Jekk l-ordni maghmul mill-qorti taht xi wahda mid-disposizzjonijiet
imsemmija fis-subartikolu (1) jsir wara li jinsab li l-akkuzat kien mignun biss fil-hin tal-procedimenti, l-ordni jkollu l-istess effett kif imsemmi fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu u dawk id-disposizzjonijiet ghandhom japplikaw daqslikieku l-ordni kien wiehed kif imsemmi fis-subartikolu (1):
Izda meta l-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jkun mgharraf mit-tabib responsabbli jew mill-*manager* ta' l-isptar li l-akkuzat ikun fieq bizzejjed biex isirulu l-procedimenti, l-imsemmi Ministru jista' jibghat lill-akkuzat il-habs sabiex jitkomplew il-procedimenti fuq l-akkuza migjuba kontrih, suggett li wara jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali dwar il-hrug bi plegg.
(6) Minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, il-Ministru responsabbli ghall-gustizzja jista', jekk ikun sodisfatt li l-attendenza f'xi post f'Malta ta' pazjent li jkun suggett li jigi mizmum bis-sahha ta' ordni ta' qorti tkun mehtiega fl-interessi tal-gustizzja jew ghall-ghan ta' xi inkjesta pubblika jew ghal xi interess pubbliku iehor, jordna li hu jittiehed f'dak il-post; u meta jinghata ordni bhal dak il-pazjent ghandu hekk jittiehed u, kemm-il darba l-imsemmi Ministru ma jordnax xort'ohra, ghandu jinzamm f'kustodja fil-waqt li jkun qed jittiehed, fil-waqt li jkun qieghed f'dak il-post u fil-waqt li jkun qed jittiehed lura l-isptar fejn ikun suggett li jigi mizmum."

Ikkunsidrat :

Illi l-Avukati difensuri tal-akkuzata Pauline Vella issottomettew illi l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 236 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi meta persuna tinsab li kienet mignuna fil-hin tar-reat sew jekk kienet mignuna fil-hin tal-procediment kriminali sew jekk le, l-akkuzat ghandu jinzamm f' kustodja fi sptar, u ghandu jigi trasportat, mizmum u jitqieghed f' kustodja f' dak l-isptar bis-sahha ta' l-ordni tal-Qorti. Ghalhekk jikkontendu illi dan l-artikolu jimponi piena mandatorja minkejja l-fatt illi fil-mument tar-reat l-imputat jinstab li kien ibati minn instabbilita' mentali u ghalhekk ma kienx kapaci li jifforma l-mens rea. Ghalhekk, skond id-difiza ta' l-akkuzata, permezz ta' dan

l-artikolu persuna tkun qeghdha tigi privata mill-liberta' personali taghha minkejja l-fatt illi ma tkunx giet misjuba hatja ta' reat, u dan jammonta ghall-piena inumana u degradanti fit-termini ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-avukati difensuri ta' l-imputata jikkontendu wkoll illi l-ordni moghtija mill-Qorti ghar-rekluzjoni mandatorja, hija ta' natura ndefinita u ndeterminata peress illi m' hijiex suggett ghall-kondizzjoni ta' zmien determinat u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 43 ta' l-istess Kapitolu jhallu f' idejn id-diskrezzjoni arbitrarja u assoluta tal-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jekk jibghatx il-kaz ghall-ezaminazzjoni mit-Tribunal ta' revizjoni dwar sahha mentali, liema tribunal ma jistax jagixxi fuq it-talba tal-pazjent izda biss fuq talba tal-Ministru koncernat jew inkella jigi ordnat il-helsien tal-pazjent wara li l-istess Ministru jaghmel konsultazzjoni mat-tabib responsabbli u l-Manager ta' l-Isptar, jew inkella wara li jircievi l-parir tat-Tribunal, ghalhekk ir-rilaxx tal-pazjent inevitibbilment ikun suggett ghal dewmin amministrattiv.

Ikkunsidrat:

Illi l-avukati difensuri ta' l-imputata jikkontendu li ghalkemm l-imputata ma kienitx sana di mente meta kkommettiet ir-reat illi bih hija tinsab akkuzata, illum il-gurnata hija tinsab stabbli u ghalhekk, jekk tintbaghat l-isptar Monte Carmeli, dan ikun ta' detriment ghaliha.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat u fliet sew ix-xhieda moghtija mit-tobba psikjatri illi ezaminat, lill-akkuzata u rat illi rrizulta car mix-xiehda taghhom illi l-akkuzata tbati b' marda ta' psikozi li ghall-finijiet tal-ligi hija genn. Hija m' ghandiex pussess ghall-fakultajiet taghha biex tista' taghmel gudizzju tajjeb. Minkejja dan, hija kapaci ssegwi dak li jkun qieghed jigri, ghaliex mill-aspett konjuttiv hija tajba, izda l-kundizzjoni taghha taffettwalha l-mod li tahseb u li tirraguna minhabba dawn il-hsibijiet ta' persekuzzjoni. Il-Psikjatra Dr. David Cassar sahansitra xehed illi huwa uza l-kelma kronika

sabiex jiddeskrivi l-kundizzjoni ta' l-imputata u qal illi huwa car illi din hija kundizzjoni li ilha hemmhekk fit-tul. Huwa xehed illi huwa essenzjali illi Pauline Vella tibqa' tattendi ghall-appuntamenti taghha l-isptar u tibqa' tiehu l-kura.

Illi huwa importanti ferm illi jigi rilevat illi fl-ebda hin l-esperti Psikjatri ma qalu illi l-imputata fieqet minn din il-marda u kif inhu ben risaput, ma hemmx fejqan ghall-psikozi, izda hemm biss kura illi trid tinghata kontinwament u ghal dejjem, il-kundizzjoni taghha giet deskritta bhala Paranojja kronika, psikozi, Paranojja kronika manifestata minn deluzjonijiet ta' persekuzzjoni, u deluzzjonijiet ta' referenza. Huwa minnu illi l-Psikjatri xehedu illi peress illi l-imputata zammet kuntatti regolari mas-servizzi Psikjatrici u tiehu kura regolari, l-kundizzjoni taghha tjiebet bil-mod illi zviluppat gharfien tal-kundizzjoni taghha. Izda jekk ghal xi raguni tkun li tkun, Pauline Vella ma tibqax tiehu l-kura regolarment u ghal dejjem hija terga' tigi fl-istat illi kienet qabel ma bdiet tiehu l-kura u dana peress illi, kif diga ntqal, ghall-marda li tbaghti minnha l-imputata ma tezisti l-ebda kura izda jezisti biss trattament. Hija ma tista' qatt tfieq mill-kundizzjoni li tbati minnha. Effettivament il-Psikjatri irrakkomandaw illi Pauline Vella tibqa' taht kura Psikjatrika fuq bazi komunitarja, b' visiti regolari u kura farmakologika fit-tul.

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jghid illi "hadd m' ghandu jigi privat mill-liberta' personali tieghu, hlief kif jista' jkun awtorizzat b' ligi fil-kazijiet li gejjin," u bhala wahda minn dawn l-eccezzjonijiet il-Kostituzzjoni issemmi fl-istess artikolu "bhala konsegwenza ta' l-inkapacita' tieghu li jwiegeb ghal akkuza kriminali."

Illi l-paragrafu (i) ta' l-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jghid hekk: 'Fil-kaz ta' persuna li tkun, jew tkun ragonevolment suspetta li tkun, ta' mohh marid, moghtija ghan-narkotici jew xorb, jew vagabonda, ghall-iskop tal-kura jew trattament taghha jew protezzjoni tal-komunita''.

Illi l-Qorti ghalhekk tara li l-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jghid illi ma jkun hemm l-ebda ksur ta' dan id-dritt fondamentali tal-bniedem jekk persuna tkun ipprivata mill-liberta' taghha f' kaz illi tkun ta' mohh marid ghall-iskop tal-kura jew trattament taghha jew protezzjoni tal-komunita' u tara illi dan il-kaz proprju jinkwadra fit-termini kemm tal-paragrafu (a), kif ukoll tal-paragrafu (i) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi fil-kaz odjern gie ppruvat illi Pauline Vella hija mignuna u ghalhekk f' dan il-kaz ma jista' bl-ebda mod jinghat illi iz-zamma taghha ghall-kura fl-isptar Monte Carmeli jista' b' xi mod jigi nterpretat bhala ksur tad-dritt taghha ghall-liberta' personali.

Illi fil-kaz illi gie deciz mill-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet Storck v Germany, tas-16 ta' Gunju, 2005 gie deciz illi z-zamma ta' persuna fi klinika privata ma setghetx tigi gustifikata taht l-artikolu 5 "as it had not been lawful, due to the fact that she had not consented and no Court order had been obtained."

Illi ghalhekk f' dan il-kaz ricenti, l-Qorti Ewropea irriteniet illi kien hemm ksur ta' l-artikolu 5, peress illi l-persuna ma kienitx tat il-kunsens taghha u ma kienx hemm ordni tal-Qorti. Illi fil-kaz odjern jekk tinhareg l-ordni tal-Qorti, ai termini ta' l-artikolu 623 tal-Kodici Kriminali, ma jistax jinghad illi jkun hemm ksur ta' dan l-artikolu.

Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jghid illi hadd m' ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti u dan l-artikolu huwa rispekkjat fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-Qorti rat decizjoni tal-Qorti Ewropea Strasbourg, fl-ismijiet Herczegfalvy kontra Austria ta' l-1992. Il-Qorti f' dak il-kaz qalet, 'the applicant had been proved to have assaulted fellow prisoners and prison wardens together with threatening Judges, but the Court found that he was dangerous and not criminally responsible for his acts, due to a mental illness, paranoia querulans, therefore he was detained in a special prison and later a psychiatric

hospital'. Il-Qorti qalet illi f' dak il-kaz kien jispetta lill-Awtoritajiet medici sabiex jiddeciedu fuq il-metodu li kellhom juzaw sabiex jikkuraw il-pazjent, anke bil-forza jekk ikun il-kaz, 'to preserve the physical and mental health of patients who are entirely incapable for deciding for themselves and for whom they are therefore responsible. The established principles of medicine are admittedly in principle decisive in such cases as a general rule, a measure which is a therapeutic necessity cannot be regarded as inhuman or degrading. The Court must nevertheless satisfy itself that the medical necessity has been convincingly shown to exist …………… no violation of article 3 has thus been shown, hence the Court will permit the compulsory medical treatment of mentally ill patients who cannot make rational decisions about their own treatment.'

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi una volta kienu l-istess Psikjatri illi ezaminaw lil Pauline Vella illi ddecidew illi hija ghandha bzonn kura ghall-kundizzjoni mentali li tbaghti minnha fuq bazi regolari u fit-tul, il-fatt illi Pauline Vella tintbaghat sabiex tiehu din il-kura fl-isptar Monte Carmeli ma jista bl-ebda mod iwassal ghal ksur tad-dritt fondamentali taghha illi ma tkunx issoggettata ghall-piena jew trattament inuman jew degradanti.

Illi l-Qorti rat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 262 tal-Ligijiet ta' Malta, u senjatament l-artikolu 39 ta' l-istess Kapitolu minn fejn jirrizulta illi pazjent jista' jaghmel applikazzjoni lit-Tribunal illi ghandu jordna illi pazjent jigi mehlus , jekk f' xi zmien il-pazjent ma jkunx qed ibati minn disordini mentali jew jekk ma jkunx mehtieg, fl-interessi tas-sahha jew tas-sigurta' tal-pazjent jew tal-harsien ta' persuni ohra, li l-pazjent jibqa' suggett li jigi mizmum, u meta jinghata ordni mit-Tribunal biex pazjent jigi mehlus, dik il-persuna ma tibqax suggetta li tigi mizmuma taht dan l-att.

Illi l-Atikolu 40 ta' l-istess Kapitolu jghid illi applikazzjoni lit-Tribunal tista' ssir anke mill-istess pazjent u l-applikazzjoni ssir b' avviz bil-miktub indirizzat lis-Segretarju tat-Tribunal.

Illi ghalhekk lanqas huwa minnu illi Pauline Vella m'ghandiex access ghal dan it-Tribunal, ghaliex kemm hi kif ukoll xi persuna ohra f' isimha tista' f' kull hin taghmel applikazzjoni lit-Tribunal sabiex jezamina l-kaz taghha u jekk ma jkunx il-kaz li tibqa' mizmuma, hija ghandha tigi rilaxxjata mill-isptar Monte Carmeli.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi minn din ir-riferenza Kostituzzjonali billi tiddikjara illi ma rrizulta l-ebda ksur ta' l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew ta' l-Atikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u lanqas ma rrizulta ksur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati Malta, bhala Qorti Struttorja kif presjeduta mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman, biex tigi nserita fil-process tal-kawza, "Il-Pulizija vs Pauline Vella".

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-akkuzata Pauline Vella.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------